# Il-fratellanza ta`San Ġuzepp fil-bażilika Elenjana f'Birkirkara



Mario Fenech

Waħda mill-Fratellanzi li huma mwaqqfa lil-Bażilika ta` Sant`Elena f' Birkirkara hija dik ta` San Guzepp. L-altar ta` din il-Fratellanza huwa it-tieni wieħed fuq in-naħa tal-lemin tal-Knisja hekk kif tidhol mil-bieb tal-ġenb.

Int u dieħel minn dan l-istess bieb hemm in-niċċa li fiha tintrefa' l-Istatwa Proċessjonali ta` San Ġużepp. Din hija meqjusa bħala waħda mill-isbaħ xogħlijiet li naqqax fl-injam l-iskultur Vincenzo Dimech fis-sena 1826.

Ħafna minn dawk li huma midħla sew ta` din il-knisja jsibu lil din l-Istatwa bħala "San Ġuzepp tal-Qalziet". Dan għaliex mill-Istatwi kollha li niltaqgħu magħhom fil-Gzejjer Maltin din biss għandha lil San Ġuzepp liebes il-qalziet li fil-parti t`isfel tiegħu huwa maqful mal-parti tal-għekiesi.



Ma' kull naħa tal-pedestall ta` din l-istatwa hemm żewġ anġli. Wieħed qiegħed iżomm munxar u l-ieħor lexxuna. Dawn iż-żewġ biċċiet għodda huma maħduma fil-fidda. Din is-sena ser jibda x-xogħol ta' restawr ta` din l-istatwa.

Il-Fratellanza ta` San Ġużepp twaqqfet fuq dan l-altar fis-sena 1804 u kienet tiġbor fiha tista tgħid lil dawk kollha li xogħolhom kien dak ta`mastrudaxxa.

Il-membri ta` din il-Fratellanza kienu jieħdu ħsieb jagħmlu festa xierqa lil qaddis Patrun tagħhom fil-waqt li dejjem raw kif ser jagħmlu biex dan l-altar jkollu dak kollu li jinħtieg biex ikun armat sew.



Ħadu ħsieb ukoll biex jibdlu l-kwadru ta` fuq l-altar tagħhom peress li dak li kien hemm qabel kien xi ftit skur, għalkemm kif jingħad dan kien sabiħ ukoll. Il-kwadru li hemm illum fuq l-altar huwa tal-artist magħruf Malti Ġużeppi Cali'. Xogħol li għamlu fis-sena 1912.

Fil-kwadru naraw il-figura ta` San Ġużepp bilwieqfa fuq sħaba flimkien mat-tfajjel Ġesù li hawnhekk l-artist pingieh bil-qalb bid-dija ħierġa minnha fuq il-libsa tiegħu. F`idejn ix-xellugija tiegħu l-Bambin qiegħed iżomm il-ġilju, simbolu tas-safa ta` San Ġużepp. F`idejn il-leminija ta`San Ġużepp naraw ix-xettru.

Mela hawnhekk Cali' ried jurina lil San Ġużepp bħala l-patrun tal-Knisja Universali b` dan ix-xettru, fl-istess xena wkoll bħala l-missier putattiv ta`Ġesu b`idejH fuq spalltu. Ftit 'l isfel mill-figuri ċentrali tal-Kwadru fuq sħaba oħra hemm il-figura li tirrappreżenta lill-Knisja, jew aħjar it-tagħlim tas-sewwa bit-tarka kontra t-tagħlim qarrieq u x-xabla simbolu tal-qawwa tal-Kelma t`Alla.

Waqt il-jiem tal-festa ta` Sant`Elena dan l-altar ikun armat b`sett gandlieri tal-injam indurati bid-deheb flimkien ma' sett gastri bil-fjuretti tal-ganutell. Jintrama wkoll il-vintartal lit-tilar tiegħu huwa magħmul minn drapp tassew sabiħ u fin. Jintramaw ukoll sett karti tal-Glolja u leġiju tal-Missal. Dawn ukoll huma ndurati bid-deheb.

Il-pittura tal-koppletta ta`din il-Kappella saret mill-Artist Taljan Filippu Venuti fis-sena 1898. Fiha huwa pinġa xena mill-isbaħ tal-Papa Piju IX qiegħed jipproklama lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali.

Kappella li kif jgħid il-Malti ma jonqosha xejn. Wara kollox nistaqsi, x`jista jonqosha din il-knisja?

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.
Mario Fenech.